MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 470/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**Francis u Mary mizzewgin Vassallo**
**(karta ta’ l-identita` numri 620958 (M) u 611060 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat il-11 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu sintetikament ippremettiet:

1. Illi permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela datat it-13 ta’ Settembru, 2000, u ta’ skrittura privata datata t-12 ta’ Mejju, 1994, is-socjeta` rikorrenti kkoncediet il-facilitajiet bankarji hemm indikati lill-intimati mizzewgin Vassallo;

2. Illi rizultat tal-istess, l-imsemmija ntimati huma ghalhekk debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u sebghin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€72,483.76), bilanc minn "*Loan and Overdraft Account*" flimkien mal-imghax dovut mill-1 t'April, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi *di piu*, sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura fuq indikati, inkluz:

i. Illi l-intimati naqsu jhallsu l-pagamenti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

ii. Illi l-intimati kienu inadempjenti b'obbligi ohra minnhom hekk assunti;

iii. Illi jirrizultaw bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati li jipperikolaw il-pagament lura tad-debitu fuq indikat;

4. Illi nonostante li l-intimati gew debitament interpellati biex jirrifondu l-ammont minnhom dovut, dawn baqghu inadempjenti u s-socjeta` rikorrenti kellha tirrikorri ghall-azzjoni odjerna u konsegwentement qed titlob lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet indikati fil-kuntratt u skrittura fuq indikata;

ii. Tikkundanna lill-intimati Vassallo jhallsu flimkien u *in solidum* lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq indikata lilha minnhom dovuta bhala bilanc ghad-debitu fil-"*Loan and Overdraft Account" de quo*, flimkien mal-imghax dovut mill-1 t'April, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

iii. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur fuq indikat;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati mis-socjeta` rikorrenti;

Innotat li ghalkemm l-intimati konjugi Vassallo gew debitament notifikati bir-rikors promotur fuq riferit, dawn baqghu fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda u dokumenti prodotti jirrizulta abbundantement assodat li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi billi sintetikament jirrizulta:

1. Illi l-intimati de quo ntrabtu bl-istrumenti legali fuq indikati li wara li ssellfu l-ammonti hemm indikati mill-bank rikorrenti, huma kellhom jirrifondu l-ammonti hemm involuti bil-modalitajiet hemm pattwiti;

2. Illi jirrizulta li l-intimati baqghu inadempjenti fl-ammont indikat fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat:

Illi konsegwentement din il-qorti hi tal-fehma li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u filwaqt li takkolji t-talbiet tal-istess socjeta`:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li effettivament sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq riferiti senjatament:

i. Illi l-intimati Vassallo naqsu li jhallsu l-pagamenti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti skont il-kondizzjonijiet pattwiti;

ii. Illi l-istess intimati kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom hemm ukoll assunti;

iii. Illi jirrizultaw ukoll bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati li jipperikolaw ir-rifuzjoni tad-debitu nvolut lis-socjeta` rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimati Francis u Mary mizzewgin Vassallo jhallsu flimkien u *in solidum* lill-bank rikorrenti fuq indikat is-somma ta' tnejn u sebghin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€72,483.76), bilanc ghal debitu fil-"*Loan and Overdraft Acount*" f'isem l-istess intimati;

3. Bl-ispejjez kif indikati mis-socjeta` rikorrenti fl-istess rikors promotur u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-1 t'April, 2012, kontra l-istess intimati fuq indikati.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------